**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 291/2021 RM**

**Yorgen Fenech**

**-Vs-**

**Emanuel Delia**

**Illum, 17 ta' Frar 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Yorgen Fenech, ippreżentat fit-28 ta' Ottubru 2021 fejn ippremetta u talab:-

1. Illi nhar il-25 ta' Ottubru, 2021 deher *blog post* fuq is-sit eletroniku www.manueldelia.com bititolu 'Nobody Move'; [1]

2. Illi dan il-blog post, jiċċita Artikolu li deher fuq it-Times of Malta, u jgħid: *'Times of Malta reports that the government spent €1.7 million on a fleet of buses delivered by a company owned by Yorgen Fenech and his family 18 months ago and it doesn't know what to do with them. They spent more than €200,000 on a direct order from the same supplier to put in charging stations for the buses. Because, yes, they bought electric buses without checking where to plug them in first. Nor had they decided what to use them for'.*

3. Illi l-kumpanija li ssir referenza għalija fil-blog post (Commercial Vehicles Imports Limited) la hija tar-rikorrent, la għandu x'jaqsam magħha u wisq inqas tħallas miljun u seba mitt elf Ewro (1,700,000) għal karozzi tal-linja. L-identita' tad-diretturi, azzjonisti u partijiet relatati ma' din il-kumpanija jirriżulta b'mod ċar minn indaġni sempliċi fuq is-sit eletroniku tar-Reġistru tal-Kumpaniji; [2]

4. Illi l-kumplament tal-*blog post*, mibni fuq din il-premessa żbaljata u żgwidanti, jirriaffigura Kritika skjaċċanti dwar kull min kellu x'jaqsam ma' dawn il-karozzi tal-linja u allegazzjonijiet ta' korruzzjoni;

5. Illi nhar is-26 ta' Ottubru, 2021 l-esponent *tramite* l-Avukati tiegħu kkorispondew mas-sid tal-*blog* sabiex jippruvaw jeżerċitaw id-dritt għar-risposta *ai termini* tal-Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda s-sid tal-*blog* ċaħħad lir-rikorrent mid-dritt għar-risposta; [3]

6. Illi in vista ta' din ir-risposta l-esponent ma għandu ebda trqi oħra ħlief li jistitwixxi dawn il-proċeduri sabiex jeżerċita d-dritt tiegħu għar-risposta u jikkoreġi l-misrappreżentazzjonijiet miktuba fil-*blog* su ċitat;

7. Għaldaqstant, in vista ta' dak premess u dak li jista jiġi trattat fis-sottomissjonijiet ta' dan ir-rikors l-esponent jitlob lil din il-Qorti tordna li tiġi ppubblikata r-risposta tar-rikorrent fuq is-sit eletroniku www.manueldelia.com.

Rat ir-Risposta tal-intimat Emanuel Delia tad-9 ta' Novembru 2021 fejn ġie sottomess:-

"*Fl-ewwel lok, qed jiġi ndikat illi fl-inkartament innotifikat lill-intimat esponenti, ma hemmx indikat in-numru tal-karta ta' identita' tar-rikorrent u lanqas l-indirizz tiegħu. Filwaqt illi l-identita' u l-indirizz korrenti tar-rikorrent u lanqas l-indirizz tiegħu. Filwaqt illi l-identita' u l-indirizz korrenti tar-rikorrent huma notorji, sa fejn jaf l-*

*esponenti, dawn il-partikolaritajiet għandhom jiġu indikati fuq ir-*rikors promotur*. In oltre, l-formola li normalment tintuża għal rikorsi quddiem din l-Onor. Qorti ġiet għal xi raġuni skartata u sar rikors f'forma ġenerika.*

*Dan ta' hawn fuq hu sottomess peress illi r-regoli ta' proċedura għandhom status ta' regoli ta' ordni pubbliku u għalhekk l-intimat iħalli għas-savju ġudizzju ta'* din l-*Onor. Qorti biex tiddeċiedi jekk ir-*rikors huwiex validu.

*Fit-tieni lok, u fil-mertu, dak mitlub mir-rikorrent mhuwiex konformi mal-provvedimenti tal-Kap. 579 stante illi l-Art 15(1) tipprovdi illi "kull persuna li l-azzjonijiet jew l-intenzjonijiet tagħha jkunu ġew miżrappreżentati jew li kienet vittma ta' malafama jew li nvadewlha l-ħajja privata tagħha permezz ta' pubblikazzjoni hija ntitolata" li titlob illi tiġi ppubblikata risposta skond Kap 579.*

*Ebda "azzjoni" jew "intenzjoni" tas-Sur Yorgen Fenech ma ġiet miżrappreżentata u lanqas ma jista' jgħid illi ġie malafamat jew li l-ħajja privata tiegħu ġiet invaża.*

*In oltre, l-Kap 579 jipprovdi illi "ebda persuna m'għandha tkun mitluba li tippubblika dikjarazzjoni bħala kontradizzjoni jew spjegazzjoni li hi malafamanti..." u meta wieħed jeżamina dak li l-Avukat Mercieca talab li jiġi ppublikat għan-nom tar-rikorrent, apparti t-ton patronizzanti u kważi insolenti tal-komunikazzjoni, it-tieni paragrafu ta' dak mitlub illi jiġi ppublikat mhuwiex konformi mal-liġi, stante illi meta wieħed jgħid:* 'Unfortunately, this seems to be yet another instalment of an unprecedented campaign of fake news and intentionally misconstrued facts designed to prejudice and mislead readers into perceiving Yorgen Fenech in a negative light' *qiegħed imur oltre dikjarazzjoni ta' kontradizzjoni jew spjegazzjoni u jidħol fil-polemikuz u saħansitra jagħmel allegazzjonijiet potenzjalment malafamanti.*

*Fit-tielet lok, dak rapportat mill-intimat hu sempliċement riproduzzjoni sostanzjalment korretta ta' dak rapportat f'The Times u għalhekk ma hemmx lok ta'*

*korrezzjoni jew spjegazzjoni sa kemm dak li hemm fit-Times ma jiġix korrett, kif fil-fatt indika lill-Av. Mercieca fil-korrispondenza eżebita.*

*Għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż."*

Semghet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet lill-abbli avukat tar-rikorrent jiddikjara fl-udjenza tal-15 ta' Diċembru 2021 u fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2022 li d-dritt tar-risposta mitlub mir-rikorrent jinsab fl-email li huwa mmarkat bħala Dok. YF2 li hija korrispondenza datata 26 ta' Ottubru 2021 mibgħut lill-intimat fit-14:43hrs u b'mod speċifiku, iż-żewġ paragrafi mmarkati bil-lapes minn Dr. Charles Mercieca.

Semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tal-20 ta' Jannar 2022;

Rat illi r-Rikors ġie mħolli għal-lum biex jiġi deċiż finalment;

Ikkunsidrat;

L-azzjoni odjerna hija msejsa fuq l-Artikolu 15 tal-Kap. 579 li jipprovdi ghal dritt ta' risposta lil min jallega, *inter alia*, li l-azzjonijiet jew l-intenzjonijiet tieghu jkunu ġew misrappre\entati permezz ta' xi pubblikazzjoni, liema dritt jesiġi illi għandha tiġi minnufih ippubblikata, mingħajr ħlas, fl-istess *medium* illi fiha tkun saret il-pubblikazzjoni lamentata, dikjarazzjoni tal-persuna in linea ta' kontradizzjoni jew spjegazzjoni.  L-Artikolu in diżamina jistipola hekk:-

**15**(1) *Kull persuna li l-azzjonijiet jew l-intenzjonijiet tagħha jkunu ġew miżrappreżentati jew li kienet vittma ta' malafama jew li invadewlha l-ħajja privata tagħha permezz ta' pubblikazzjoni hija intitolata li titlob sabiex tiġi minnufih ippubblikata, mingħajr ħlas, fl-istess medium, dikjarazzjoni ta' kontradizzjoni jew spjegazzjoni:*

…

*Iżda wkoll ebda persuna m'għandha tkun mitluba li tippubblika dikjarazzjoni bħala kontradizzjoni jew spjegazzjoni li hi malafamanti jew li mhijiex miktuba bil-lingwa tar-responsabbli għall-pubblikazzjoni jew b'xi waħda mil-lingwi użati mill-medium tax-xandir jew tas-sit elettroniku fejn hija mitluba li għandha tkun ippubblikata:*

*Iżda aktar minn hekk id-dritt ta' risposta għandu jkun ristrett għall-korrezzjoni jew kontradizzjoni u, jew spjegazzjoni tal-fatti u m'għandux jestendi għas-sottomissjoni ta' opinjoni differenti.*

Ir-rikorrent Yorgen Fenech qed a tenur tal-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, jitlob illi l-intimat jiġi ordnat jippubblika l-istqarrija mibgħut lilu in linea ta' dritt għar-risposta għall-pubblikazzjoni fuq il-blog post imtella' fil-25 ta' Ottubru 2021 fuq is-sit elettroniku www.manueldelia.com bl-isem « Nobody Move ». Ir-rikorrent ħassu aggravat bis-segwenti silta fil-blog post tal-intimat:-

"*Times of Malta reports that the government spent €1.7 million on a fleet of buses delivered by a company owned by Yorgen Fenech and his family 18 months ago and it doesn't know what to do with them. They spent more than €200.000 on a direct order from the same supplier to put in charging stations for the buses. Because, yes, they bought electric buses without checking where to plug them in first. Nor had they decided what to use them for.*"

Ir-rikorrent isostni li kuntrarjament għal dak ippublikat mill-intimat fil-blog post tiegħu, il-kumpannija Commercial Vehicles Imports Limited m'hijiex tiegħu u ma

għandu xejn x'jaqsam magħha u wisq inqas ħallas €1,700,000 għal karozzi tal-linja, iżda meta pprova jeżerċita d-dritt ta' risposta biex jikkorreġi l-miżrappreżentazzjonijiet li saru fl-imsemmi blog post, l-intimat naqas milli jippubblika din ir-risposta.

Ir-risposta li r-rikorrenti qiegħed jesiġi li tiġi ppubblikata a tenur tal-Artikolu 15 tal-Kap. 579 hija s-segwenti :-

*"With reference to the above cited blog post, your claim that Yorgen Fenech owned a company which delivered a €1,7 million fleet of buses is false and a complete lie.*

*Unfortunately, this seems to be yet another instalment of an unprecedented campaign of fake news and intentionally misconstued facts designed to prejudice and mislead readers into perceiving Yorgen Fenech in a negative light.*"

Da parti tiegħu, l-intimat jikkontendi, fir-Risposta tiegħu, illi d-dritt ta' risposta invokat mir-rikorrent m'huwiex konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 15 tal-Kap. 579 għaliex (i) fil-pubblikazzjoni tiegħu, l-intimat ma għamel l-ebda miżrappreżentazzjoni tal-azzjonijiet jew intenzjonijiet tar-rikorrent u lanqas immalafamah jew invadielu l-ħajja privata tiegħu, kif ukoll (ii) ir-risposta li qed tintalab tiġi ppubblikata tmur lil hinn minn dikjarazzjoni ta' kontradizzjoni jew spjegazzjoni.

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrent jinnega kull konnessjoni mal-konsenja tal-karozzi tal-linja lill-Gvern kif ukoll kwalsiasi konnessjoni ma' jew involviment fil-kumpannija Commercial Vehicles Imports Limited. Il-Qorti tosserva illi m'huwiex kontestat mill-intimat illi effettivament, isem Yorgen Fenech ma jidhirx fost l-azzjonisti u diretturi tal-kumpannija u lanqas fost l-azzjonisti u diretturi tal-kumpanniji li għandhom sehem azzjonarju f'dik il-kumpannija. F'kull każ, dan jirriżulta mid-dokumenti esebiti mill-

istess rikorrent (Dok. YF1 u Dok. CM1) liema dokumenti m'humiex kontestati mill-intimat in kwantu għall-korrettezza tal-kontenut tagħhom[1].

Il-Qorti hi tal-fehma illi kif sewwa ġie sottomess fir-Risposta tal-intimat, l-istqarrija tiegħu li l-Gvern ħallas €1.7 miljun Euro għall-konsenja ta' karozzi tal-linja minn kumpannija ta' Yorgen Fenech u l-familja tiegħu, anke jekk tista' ma tkunx korretta, ma tistax titqies li rrappreżentat ħażin xi azzjoni jew xi intenzjoni tar-rikorrent għaliex ma jirriżultax li effettivament, ir-rikorrent qal jew għamel xi ħaġa li ġiet rappreżentata ħażin. Għandu jingħad li l-element tal-miżrappreżentazzjoni huwa element essenzjali kostituttiv tas-suċċess tal-eżerċizzju tad-dritt ta' risposta maħsub fl-Artikolu 15 tal-Kap. 579: il-kwistjoni jekk dan l-element huwiex sodisfatt fil-każ partikolari hija waħda ta' fatt li d-deċiżjoni dwarha tispetta lill-Qorti u fil-każ odjern, fil-fehma tagħha ma jirriżultax li l-intimat - għalkemm jista' jkun li rrapporta stat ta' fatt li ma jeżistix - irrappreżenta ħażin xi azzjoni jew intenzjoni tar-rikorrent. F'kull każ ir-rikorrent naqas għal kollox milli jispeċifika liem'hija dik l-azzjoni tiegħu jew intenzjoni tiegħu, ġiet miżrappreżentata.

B'żieda ma' dan, filwaqt li hu evidenti l-istqarrija ppubblikata mill-intimat ma fiha xejn li tista' titqies bħala invażiva fil-ħajja privata tar-rikorrent, il-Qorti tosserva wkoll li l-fatt innifsu li l-informazzjoni li l-intimat irriproduċa fil-pubblikazzjoni tiegħu jista' jkun li hi erroneja, ma jfissirx li huwa malafamanti għar-rikorrenti fit-termini tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(2) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, għaliex kif inhu risaput « *It is not every untrue statement about another person that gives rise to a claim. An untrue imputation is only actionable ... if it is defamatory* »[2] u f'dan il-każ, ma jirriżultax li r-rikorrent qed jallega li minħabba l-istqarrija in diżamina, huwa safa vittma ta' malafama.

---

[1] Ara verbal tal-udjenza tal-20 ta' Jannar 2022.

[2] Gatley On Libel and Slander, 2013 Ed. 2.1, p. 34.

Dan kollu jfisser li m'huwiex apert lir-rikorrent jinvoka d-dritt ta' risposta maħsub fl-Artikolu 15 tal-Kap. 579 għaliex ma jirriżultax li l-elementi essenzjali stabbiliti mil-liġi għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt, jikkonkorru f'dan il-każ.

Ikkunsidrat ;

Illi madanakollu, fuq kollox u lil hinn mill-konsiderazzjonijiet appena magħmulin, il-Qorti tqis illi t-tieni binarju tad-difiża tal-intimat kif imfisser fir-Risposta tiegħu għar-Rikors promotur u mill-abbli avukat tiegħu waqt it-trattazzjoni, cioe` illi mitlub mir-rikorrent, ukoll hu validu. L-intimat eċċipixxa li r-risposta li l-pubblikazzjoni tagħha qed tintalab mir-rikorrent ma tissodisfax il-htigijiet tal-Artikolu 15 tal-Kap. 579 għaliex dak li hemm miktub, b'mod partikolari fit-tieni paragrafu "*imur oltre dikjarazzjoni ta' kontradizzjoni jew spjegazzjoni u jidħol fil-polemikuż u saħansitra jagħmel allegazzjonijiet potenzjalment malafamanti*"[3].

Dan it-tieni paragrafu jgħid hekk:-

"*Unfortunately, this seems to be yet another instalment of an unprecedented campaign of fake news and intentionally misconstrued facts designed to prejudice and mislead readers into perceving Yorgen Fenech in a negative light.*"[4]

Għall-Qorti hu minnufih ovvju li kuntrarjament għal dak li jeħtieġ it-tieni proviso tal-Artikolu 15(1) tal-Kap. 579, din l-istqarrija, fuq riprodotta, m'hijiex ristretta għal sempliċi dikjarazzjoni ta' kontradizzjoni jew spjegazzjoni tal-fatti rapportati fil-pubblikazzjoni tal-intimat konċernanti l-azzjonisti, diretturi u l-persuni involuti fil-kumpannija Commercial Vehicles Imports Limited, iżda hi evidentement interpolata b'argumentazzjoni u kummenti li huma vjetati mill-Artikolu 15 tal-Kap. 579. Kif rajna, il-liġi fit-tielet proviso tas-subinciz (1) tal-Artikolu 15, tesiġi illi d-dritt ta'

[3] Risposta tal-intimat tad-9 ta' Novembru 2021, fol. 16.

[4] Dok. YF2, fol. 5: siltiet immarkati bil-lapes.

risposta jkun ristrett ghal korrezzjoni jew kontradizzjoni u/jew spjegazzjoni tal-fatti, u m'ghandux jestendi għas-sottomissjoni ta' opinjoni differenti. Iżda fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżulta li l-istqarrija tar-rikorrent, fit-tieni paragrafu tagħha, tikkonsisti mhux biss f'sottomissjoni evidenti tal-opinjoni tar-rikorrent dwar il-pubblikazzjoni in ġenerali iżda wkoll f'imputazzjoni dwar l-intenzjonijiet tal-intimat fil-pubblikazzjoni tal-fatti miċħuda. **Dan qed jingħad għaliex hu manifest li din il-parti mir-risposta tar-rikorrent hi msawra bħala espressjoni tal-fehma tiegħu li l-pubblikazzjoni tal-istqarrija falza saret intenzjonalment u bil-ħsieb li tiżvija lill-qarrejja tal-pubblikazzjoni u tippreġudika l-pożizzjoni tar-rikorrent: fehma li l-intimat m'huwiex - u lanqas jista' jiġi mistenni li jkun - konkordanti magħha**.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li s-sottomissjoni tar-rikorrent fl-istess tieni paragrafu tad-dritt tar-risposta - illi l-pubblikazzjoni ta' fatti inveritjeri mill-intimat tikkostitwixxi istanza oħra f'kampanja ta' *fake news* maħsuba biex timmina lir-rikorrent - bl-ebda qies tal-immaġinazzjoni tista' titqies li hi msawra bħala kontradizzjoni jew spjegazzjoni kif rikjest mit-tielet proviso tal-Artikolu 15(1) tal-Kap. 579 iżda hija manifestament sottomissjoni tal-opinjoni tar-rikorrent.

Dan kollu jfisser li l-kontenut tad-dritt għar-risposta pretiża mir-rikorrent, kif riprodott fl-*email* mibghuta lill-intimat għan-nom tar-rikorrent fis-26 ta' Ottubru 2021, m'huwiex konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 15 tal-Kap. 579 għaliex ma jistax jitqies bħala korrezzjoni jew kontradizzjoni tal-istqarrija ppubblikata mill-intimat taħt l-intestatura "*Nobody Moves*" u lanqas ma huwa ristrett għal spjegazzjoni tal-fatti rrapportati mir-rikorrent fl-imsemmija pubblikazzjoni tiegħu tal-25 ta' ottubru 2021.

Il-korollarju neċessarju ta' dan hu li r-rifjut tal-intimat illi jippubblika d-dritt ta' risposta mitlub mir-rikorrent, hu ġustifikat u fiċ-ċirkostanzi, ġaladarba r-rikorrent insista li jiġi ppubblikat il-kontenut tar-risposta li evidentement imur lil hinn minn dak permess mil-liġi, il-Qorti tqis illi d-dritt tar-risposta mitlub mir-rikorrent m'ghandux jiġi ppubblikat mill-intimat.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrent fir-Rikors tiegħu tat-28 ta' Ottubru 2021.**

**L-ispejjez ta' dan il-procediment jithallsu mir-rikorrent.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**